MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 556/2006

Avukatessa Dottor Charmaine **CHERRETT** BA, LL.D., bħala mandatarja speċjali tas-soċjeta' estera *Fuji Corporation* ta' Ohashi 126-1, Matsudo-shi, Chiba, Ġappun

vs

Anthony **VASSALLO** eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem '*Antoine Auto Dealer*' u martu Antonia Vassallo, għal kull interess li jista' jkollha

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-20 ta' Ġunju, 2006, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet lil din il-Qorti:

( i ) Tiddikjara illi l-konvenut Anthony Vassallo huwa debitur ta' l-attriċi *nomine* fis-somma ta' Lm29,268.69c[1] (disgħa u għoxrin elf, mitejn u tmienja u sittin lira, u disgħa u sittin ċenteżmu), jew alternattivament kull somma oħra verjuri li tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

( ii ) Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attriċi *nomine* s-somma ta' Lm29.268.69c (disgħa u għoxrin elf, mitejn u tmienja u sittin lira, u disgħa u sittin ċenteżmu), jew alternattivament kull somma oħra verjuri li tiġi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

Rat illi r-rikors ġiet debitament notifikata lill-intimati li naqsu li jippreżentaw risposta fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi u hekk baqgħu kontumaċi u naqsu li jidhru waqt is-smigħ tal-lum;

Semgħet id-dikjarazzjoni tal-Avukat tas-soċjeta' rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati.

Fil-kontumaċja tal-intimati tiddeċiedi billi:

**Tilqa' L-ewwel talba** tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotta fir-Rikors u tiddikjara lill-intimati, flimkien u solidalment bejniethom, bħala debituri lejn l-istess soċjeta' attriċi fis-somma ta' tmienja u sittin elf, mija u sebgħa u sebgħin euro u wieħed u sebgħin ċenteżmi (€68,177.71) rappreżentanti l-bilanċ mill-prezz ta' ħamsa u tletin (35) vettura mibjugħa u lilhom konsenjati mis-soċjeta' attriċi;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-intimati biex, flimkien u solidalment bejniethom, iħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' €68,177.71 fuq imsemmija, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b'seħħ mill-31 ta' Marzu, 2005, sal-jum tal-ħlas effettiv;

[1] Li jġibu €68,177.71 fi flus tal-lum

**Tikkundanna** lill-intimati jħallsu wkoll **l-ispejjeż tal-kawża**.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------